# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tal-Erbgħa, 10 ta' April 2019

## Talba Numru 257/2018SFJ

## *Vodafone Malta Limited (C10865)*

## *vs.*

## *Shirley Attard (333698M)*

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-6 ta' Ġunju 2018 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' elf u mitejn u tlieta u tletin Ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,233.69) rappreżentanti servizzi reżi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija ċellulari fuq it-tariffa *RED Standard (Device)* bil-kont numru 1.11020469 fuq talba u għall-benefiċċju tal-intimata u dan kif irriżulta minn fattura li kopja tagħha ġiet annessa mal-istess Avviż tat-Talba, kif ukoll l-ispejjeż u bl-imgħax mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

Ra d-dokumentazzjoni annessa mal-Avviż tat-Talba li tikkonsisti fis-segwenti:

i. Dokument X1 – Fattura, u ċioe *statement* mill-1 ta' Jannar 2017 sal-1 ta' Ġunju 2017 li jindika sitt (6) fatturi li jammontaw għal total ta' elf u mitejn u tlieta u tletin Ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,233.69); u

ii. Dokument X2 – Affidavit ta' Dr Jeremy Debono datat 6 ta' Ġunju 2018 għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà attriċi li jikkonferma li l-ammont indikat fl-Avviż tat-Talba għadu dovut u li s-soċjetà attriċi ippruvat tinterpella lill-konvenuta aktar minn darba sabiex tersaq għall-ħlas, liema tentattivi kollha irriżultaw fin-negattiv tant li kellha tiġi intavolata din it-talba.

Ra li l-konvenuta kienet debitament innotifikata bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ u ma ippreżentat ebda risposta u lanqas dehret sabiex tikkontesta l-kawża.

Ra li fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2019, is-soċjetà attriċi ippreżentat kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenuta li permezz tiegħu riedet tipprova taħt ġurament li hija debitriċi tagħha fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba.

Ra li fl-udjenza tal-10 ta' April 2019, il-konvenuta baqgħet ma dehritx biex tiċħad il-mistoqsija magħmula lilha in subizzjoni biex tikkontesta l-kawża.

Jidhirlu għalhekk it-Tribunal li din it-talba tas-soċjetà attriċi ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-kontumaċja tal-konvenuta u tqis il-kapitolu bħala moqri u mistqarr.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf u mitejn u tlieta u tletin Ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,233.69) bl-ispejjeż kollha u mgħaxijiet legali kif mitlub fl-Avviż tat-Talba.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**